# Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **20** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 14 ta' April 2011 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal għall-laqgħa fis-7.00p.m.)<br>Is-Sur Jesmond Mugliett(daħal għall-laqgħa fis-6.35p.m.)<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Daniel Spiteri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 19.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet
5. Aġġudikazzjoi ta' sejħiet għall-offerti u Kwotazzjonijiet.
   a) MLC 02/2011 – Quotation for Manufacture and installation of aluminium composite sheets and vinyl stickers in conjunction with the construction of a monument at Triq is-Salini.
   b) KLM 2011/01 – Street Sweeping and Grass Cutting
   c) KLM 2011/02 – Grass Cutting in Non Urban Roads
6. *Progress Reports:*
   a) *Expression of Interest for the Design of* Ġnien Sant'Anna.
   b) *Leisure Park* Ġnien San Tumas – Gal Xlokk
   c) Sejħa għall-offerti tal-Bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Konsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali.
10. Approvazzjoni tal-Financial Statements kif emendati għas-sena finanzjarja 2010.
11. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Deputy Mayor
Charlot Mifsud

Councillors
John Baptist Camilleri
Carmen Fearne
Lawrence Ciantar
George Farrugia
Sandro Gatt
Jesmond Mugliett
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari u approvazzjoni tal-Minuti :***

**Laqgħa Nru 19(1) tal-15 ta' Marzu 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

Minuti tal-laqgħa Nru 19(1) tas-15 ta' Marzu 2011.

2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa rigward paġna 3 punt 3.5 dwar it-tabelli tal-'*one way for heavy vehicles*' jekk ordnajnihomx.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-'*works order*' ntbagħtet.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa rigward paġna 3 item 3.6 punt il-kont ta' l-M.Quipp Ltd jekk issa l-kwistjoni ġietx riżolta.

Il-Segretarju Eekuttiv wieġeb li issa din il-kwistjoni ġiet riżolta.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsill rigward paġna 13 punt 7.6 illi għad-dawl tal-grawnd ta' l-iskola ~~ser~~ jitwaħħlu 4 rifletturi bl-LED'S.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ~~qal~~ fejn issuġerixxa li huwa mportani ħafna illi jkun hemm l-*earth electrodes* u salva vita.

2.4 Il-Kunsillier Jesmond Mugliett nforma lill-Kunsill illi fuq punt 3.1 ta' paġna 2 huwa tkellem mas-Sur Andre Borg u nfurmah illi l-uniku aċċess li l-Kunsill għandu huwa biex itellgħa l-minuti. Huwa kompla jispejga li s-Sur Andre Borg qallu li hemm kumpanija *Webee Design* li għandha *software* ġdid li bih il-Kunsill jkun jistgħa jtellgħa iktar informazzjoni fuq il-*website*.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett jagħmel laqgħa magħhom u jġib l-istima neċessarja biex ikun jista jemenda l-website.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għall-laqgħa fis-7.00p.m.***

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Stima mingħand il-Konsulent tal-Kunsill għall-proġett ERDF 212:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill rebaħ is-somma ta' €312,000 għal dan il-proġett sabiex jsir embelishment tad-dawra tat-Torri ta' SanTumas u għar-*railing* ta' Triq il-Qaliet sabiex nattiraw iktar turisiti fil-lokalita` tagħna. Huwa kompla jgħid li dan il-proġett ser jkun mifrux fuq 5 snin u trid issir attivita` kull xahar.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jinforma lill-Kunsilliera rigward il-laqgħa li kellhom din il-ġimgħa mal-PPCD fejn huwa kompla jgħid li fi żmien ħmistax għandna nissottomettu l-applikazzjoni emendata bit-talbiet kollha li ħarġu wara l-laqgħa mal-PPCD li damet tlett siegħat.

Is-Sindku qal li għanda nagħmlu laqgħa ma' Ċanċu u mal-Garden of Eden sabiex jibdew jiġu bil-*hop off / hop on buses*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sur Mark Causon qed jitlob lill-Kunsill is-somma ta' €7,670 sabiex jkun bħala *Project Person* ta' dan il-proġett u dan skond it-tender minħabba li l-applikazzjoni kienet saret u ntrebħet bis-saħħa tal-Meusac u l-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li jingaġġa lis-Sur Mark Causon sabiex jkun il-*Project Person* ta' dan il-proġett filwaqt li rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, lis-Sinjorina Alison Camilleri mil-MEUSAC u lill-Perit Aaron Abela tax-xogħol li għamel biex irnexxielhom jirbħu din l-iskema.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kif ser jitħallas jekk hux b'pagamenti fix-xahar.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna niċċekjaw mal-kumpanija konċernata dwar dan.

3.2 **<u>Proġett Gal Xlokk 313:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi għanda sa l-ewwel ġimgħa ta' Mejju sabiex nissottomettu l-applikazzjoni. Is-Sur Mark Causon ser jiċċarġjana €150 sabiex jagħmlilna l-applikazzjoni u wara jekk nirbħu din l-isekma jinħarġu t-*tenders* neċessarji fosthom ta' *Project Manager* li jkun jinvolvi is-servizz ta' Perit kif ukoll *Project Manager* li jassisti lill-Kunsill matul l-andament tal-proġett kollu.

Il-Kunsill qabel unanimament

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġġerixxa li jsiru *showers* ħdejn il-latrina minħabba li hemm il-komunikazzjonijiet kollha neċessarji u dawn jiġu integrati mal-proġett.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-*equipment* li ser jintuża f'dan il-*leisure park* għandu jkun skond l-ispeċifikazzjonijiet u *standards* maħruġa mill-*Malta Standard Authority*.

3.3 **<u>Malta Powerboat Association Calendar 2011 (35/1509/11/I):</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-komunikat li rċieva il-Kunsill fis-27 ta' Marzu 2011 rigwrad din l-attivita` li ser ssir fl-14 u l-15 ta' Mejju 2011.

Il-Kunsill qabel unanimament b'din l-attivita` u t-tazzi ser jiġu preżentati mill-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud u mill-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri.

Il-Kunsill pero` bi qbil unanimu iddeċieda li ma jistgħux jinħarġu fondi mill-Kunsill biex jiffinanzjaw xi spejjeż relatati ma dan l-avveniment.

3.4 **Road Space Designaton in Triq il-Blajjiet Marsaskala (35/1466/11/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li x-xogħol sar skond il-*guidelines* tat-TM u wara li ġew fuq il-post u raw li x-xogħol sar sew waqfu l-*enforcement*.

3.5 **Niċċa San Spiridjun:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li sa Ġunju mhux ser nilħqu noħorġu t-tender u niġġudikawh allura jkun aħjar li nirrestawraw in-niċċa fejn hi.

Il-Kunsill approva unanimament u qabel ukoll li niktbu ittra lis-Supretendent tal-*Heritage* s-Sur Anthony Pace.

3.6 **Tneħħija tal-funtana minn Pjazza Mifsud Bonnici u Preparazzjoni tat-Tender:**

Is-Segretarju Eżekuttiv stieden il-Kunsilliera jagħmlu l-proposti tagħhom sabiex jemendaw xi affarijiet fit-*tender* qabel ma jinħareġ liema dokumentazzjoni kienet diġa ngħatat lilhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandha nitolbu l-*ispecifications* lill-*Malta Standards Authorities* fuq ir-*railing* kemm jrid jkun għoli. Huwa kompla jgħid li għanda ssir *gate* fl-entratura tal-bandli n-naħa tas-Summer Nights.

Is-Sindku qal li mportanti li jkun hemm aċċess li jidħlu xi ambulanza jew *fire engine*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fit-tender hemm stipolat li ma għandiex tinqabeż is-somma ta' €160,000. Huwa kompla jgħid li wara li għamel il-kalkoli ta' kemm ser jitefqu flus huwa nnota li ser jifdal ftit fondi sabiex jinxtara l-*equipment*.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament illi tender jiġi rranġat u s-somma tiġi bejn €150,000 u €180,000.

Il-Kunsill qabel unanimament li fit-*tender* jkun hemm mniżżel *"subject to approval of the Malta Standards Authority following insallation of playing field equipment"*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-Perit niżżel tajjeb fl-ispeċifikazzjonijiet tat-tender li d-dawl li għandhom jkunu bl-*adjustable heads*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-funtana li hemm fil-preżent titneħħa u tiġi *area* għat-*toddlers*.

3.7 **Korrispondenza mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (35/1669/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li rċevejna ittra li tindika ammonti tat-taxxa u l-bolla għas-snin 2001, 2002, 2004 li ġew mħalsa inqas milli suppost. Huwa kompla jgħid li ċempilna lid-dipartiment tat-taxxi sabiex nistaqsu jekk kienx hemm xi notifiki fil-passat iżda kkonfermaw li qatt ma ntbagħatu notifiki qabel.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nħalsu dan il-kont li jmmonta għall-€2784.77.

3.8 **Outdoor Maps (35/1677/11/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-proposti tal-*Blues Ltd* sabiex jagħmlu *village maps* fil-lokalita` għas-spejjeż tagħhom, iżda il-flus li jdaħħlu mir-riklami jeħduhom huma.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa magħhom.

3.9 **<u>Memo 10/2010 – Skema dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva (35/1436/11/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsilliera illi l-Kunsillier rebaħ is-somma ta' €3,100 minn din l-iskema sabiex jeħlu l-pannelli fotovoltajiċi fi Ġnien Antoine Randich. Huwa kompla jgħid li dawn il-pannelli ser jeħlu mal-faċċata tat-Torri.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ssuġerit sabiex jeħlu oħrajn fuq il-librerija.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camillieri qal li aħna konna ssuġerejna sabiex jeħlu dawn il-panneli fuq il-librerija iżda r-rikjesta tagħna ġiet rifjutata f'dan il-każ.

3.10 **<u>Patching (35/1840/11/I):</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li sallum il-ġurnata għadu qatt ma sar patching mil-kuntrattur il-ġdid.

Il-Kunsill qabel unanimament li nibagħtu ittra lill-Kuntrattur fejn nagħtuh ħmistax ċans sabiex jsir il-*patching* mitlub.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi l-flus ibbaġitjati għal-*patching* huwa ta' €25,000.

3.11 **<u>Cospicua Scouts (35/1776/11/I):</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament illi nilqgħu l-proposta tagħhom u nitolbuhom jieħdu sehem fl-attivita` Arti fil-Beraħ.

3.12 **<u>Grating at Pjazza Dun Tarcis Aguis (35/1771/11/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċevejna ittra mit-TM fejn ġibdulna l-attenzjoni illi l-gradilji li hemm fi Pjazza Dun Tarcis Aguis huma perikolużi għaċ-ċiklisti.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġerixxa li issir xibka fuq dawn il-gradilji u jiġu iwweldjati għaliex biex jinbidlu jqumu ħafna flus.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.13 **<u>Cold Water Swin 30/1/2011 (35/1895/11/I):</u>**

Is-Sindku preżenta komunikat mill-Inspire fejn irringrazzja lill-Kunsill ta' l-għajnuna li tajna fejn nġabret is-somma ta' €1,338.40.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet :</u>***

4.1 **<u>Ħlasijiet bi kreditu:</u>**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagamenti.

# Lista ta' Hlasijiet bi Kreditu 14/4/11/ #20(1)

•Contracts Manager reports available

| P.J.V | Supplier | Contracts | Invoice Date | Inv No | Amon on Invoice | Amount to be paid |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 201 | **J.Attard Tool Services** | Milkaukee Rotary Hammer 950K | 21/03/2011 | 1355 | 997.00 | 997.00 |
| 202 | **Grabiel** | Lunch with Onor Jason Azzopardi | 17/03/2011 | 4034 | 120.50 | 120.50 |
| 203 | **Mr. Anglu Grech** | Konkos | 30/03/2011 | 1340 | 61.36 | 61.36 |
| 204 | **PC Wizards** | Cartridges & Mouse | 04/04/2011 | 332 | 127.00 | 127.00 |
| 205 | **PC Wizards** | Cartridges & UPS | 28/03/2011 | 329 | 145.00 | 145.00 |
| 206 | **Mrs. Graziella Mallia** | Librarian for March 2011 | 05/04/2011 | | 105.48 | 105.48 |
| 207 | **Mrs. Graziella Mallia** | Detergents for Library | 04/03/2011 | | 4.90 | 4.90 |
| 208 | **Mrs. Sandra Galea** | Craft Courses for 12 students | 29/03/2011 | SG-006 | 300.00 | 300.00 |
| 209 | **Mrs. Josephine Aguis** | Premises for Craft Courses | 29/03/2011 | JA-009 | 150.00 | 150.00 |
| 210 | **Retina Telecomm Ltd** | Batteries for cordless | 04/04/2011 | 61168 | 55.46 | 55.46 |
| 211 | **Med Design Associates** | Professional Fess for Library | 29/03/2011 | 30005220 | 75.00 | 75.00 |
| 212 | **Home & Industry Supplier Ltd** | Road Markings Paint | 26/03/2011 | 2069 | 749.02 | 749.02 |
| 213 | **C.S.D Office Trade** | 7 Office chairs | 16/03/2011 | 33964 | 735.14 | 735.14 |
| 214 | **C.S.D Office Trade** | 3 Office chairs | 18/03/2011 | 34001 | 265.50 | 265.50 |
| 215 | **C.S.D Office Trade** | Credit Note Return of 3 chairs | 18/03/2011 | 34000 | -315.06 | -315.06 |
| 216 | **Playcraft** | Colour printed plaque on wood & stand | 16/03/2011 | 4992 | 35.44 | 35.44 |
| 217 | **Mrs Joanne Dimech** | Carnival Dance | 12/03/2011 | 2 | 90.00 | 90.00 |
| 218 | **GO plc** | Telephone bill 21637744 | 14/03/2011 | 25300257 | 17.57 | 17.57 |
| 219 | **Go plc** | Telephone bill 21632861, 21633887, 21637171 | 14/03/2011 | 25300255 | 278.45 | 278.45 |
| 220 | **Image Systems** | Photocopier rent | 28/02/2011 | 46858 | 62.67 | 62.67 |
| 221 | **Bitmac (Works) Ltd** | Cold Asphalt | 18/03/2011 | 84493 | 420.01 | 420.01 |
| 222 | **Media Link** | Advert Laqgha Pubblika | 15/03/2011 | 45482 | 203.91 | 203.91 |
| 223 | **M. Joseph P. Pavia** | Photography Service Holy Week - Bormla | 29/03/2011 | | 20.00 | 20.00 |
| 224 | **Mr. Joseph P. Pavia** | Photography Service Laqgha Pubblika | 29/03/2011 | | 20.00 | 20.00 |
| 225 | **Golden Gate** | Stationery | 16/03/2011 | 366884 | 247.47 | 247.47 |
| 226 | **Golden Gate** | Stationery | 18/03/2011 | 367071 | 10.10 | 10.10 |
| 227 | **Allied Newspapers** | Advert Tender | 17/03/2011 | AS1442653 | 116.29 | 116.29 |
| 228 | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 23/03/2011 | 125170 | 68.45 | 68.45 |
| 229 | **ARMS** | Electricy Bill Council Premises | 22/03/2011 | 13374854 | 1024.45 | 1024.45 |
| 230 | **General Ecological Services Ltd** | Emptying of water from a water culvert on 10/03/2011 | 22/03/2011 | 51 | 349.41 | 349.41 |
| 231 | **Summer Nights** | Estonia Mayor Lunch | 24/03/2011 | | 55.45 | 55.45 |
| 232 | **WasteServ Malta Ltd** | MSW waste for February 2011 | 15/03/2011 | 7202 | 5516.23 | 4161.25 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 233 | **Ms. Corinne Turner** | Carnival Dance | 28/03/2011 | | 70.00 | 70.00 |
| 234 | **Acc, Cleansing Services Dep** | Public Conveniences | 04/04/2011 | MLC/11/30133 | 655.15 | 655.15 |
| 235 | **The Gofer Ltd** | Stationery | 05/04/2011 | G02964 | 220.94 | 220.94 |
| 236• | **R&A Waste Services Ltd** | Refuse Collection March 2011 | 31/03/2011 | 8639 | 10139.22 | 10139.22 |
| 237 | **HSBC Bank Malta plc (Toni's Wine & Spirit)** | Beverages | 06/04/2011 | 60207706 | 115.20 | 115.20 |
| 238 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | NEW - Road Markings job sheet No 10223 | 17/03/2011 | 14386 | 386.52 | 386.52 |
| 239 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Replacement - Traffic Signs job sheet 8819 | 24/03/2011 | 14449 | 239.40 | 239.40 |
| 240 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | New - Road Markings job sheet No 10496 | 17/03/2011 | 14381 | 1380.27 | 1380.27 |
| 241 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Refreshing - Road Markings job sheet No 10394 | 10/03/2011 | 14400 | 241.56 | 241.56 |
| 242 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Refreshing - Road Markings job sheet No 10397 | 10/03/2011 | 14403 | 224.17 | 224.17 |
| 243 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Refreshing - Road Markings job sheet No 10395 | 10/03/2011 | 14401 | 499.72 | 499.72 |
| 244 | **Koperattiva Tabelli u Sinjali** | Refreshing - Road Markings job sheet no 10396 | 10/03/2011 | 14402 | 368.79 | 368.79 |
| Lista ta' Hlasijiet Addizjonali bi Kreditu 14/4/11/ #20(1) | | | | | | |
| 245 | **MITA** | Maintenance & Support | 06/04/2011 | SIN024631 | 416.85 | 416.85 |
| 246 | **Avantech Ltd** | FSMA Canon Photocopier | 08/04/2011 | 144027 | 244.97 | 244.97 |
| 247 | **Mr.Ronald Briffa** | Electricity Bill for garage | 28/02/2011 | | 85.86 | 85.86 |
| 248 | **Mr.Ronald Briffa** | Renting of garage from 1/03/2011 - 30/09/2011 | 28/02/2011 | | 912.50 | 912.50 |
| 249 | **Gafa Saveway Cleaners Ltd** | Cleaning services for Council premises | 11/04/2011 | MS/11/03 | 117.45 | 117.45 |
| 250 | **The Treasury, Vodafone Ltd** | Mobile Service 79637171 | 01/04/2011 | 2364020042011 | 168.91 | 168.91 |
| 251• | **ELC Ltd** | Parks and Gardens March 2011 | 31/03/2011 | 7083 | 1543.75 | 1543.75 |
| 252 | **MB Distribution Ltd** | Cartridges | 08/04/2011 | 126042 | 326.27 | 326.27 |
| 253 | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 01/03/2011 | 2662 | 397.17 | 397.17 |
| 254 | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Warden Services March 2011 | 04/04/2011 | JC-012/MSA | 4798.29 | 4798.29 |
| 255* | **Mr. Joseph Galea** | Hiring of van for pageant 16/4/2011 | 12/04/2011 | | 106.75 | 106.75 |
| 256* | **Mrs. Marita Caruana** | Carnival Dance and Transport | 26/02/011 | | 310.00 | 310.00 |
| 257* | **Look Star Dancers (Doreen Galea)** | Carnival Dance | 26/02/2011 | | 70.00 | 70.00 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 258* | **Mrs. Antonella Chircop** | Carnival Dance | 04/04/2011 | | 70.00 | 70.00 |
| 259** | **Mr. John B. Camilleri** | Reiumbursement Festa Gemellaggi | 08/04/2011 | 7492307 | 105.00 | 105.00 |
| 260 | **Mr. John B. Camilleri** | Reiumbersement for Saturday for Gozo trip, Bugibba and Sunday, Mdina, Girgenti and Airport | 13/04/2011 | | 50.01 | 50.01 |
| 261• | **Mr.Ronald Bezzina** | Extra Works | 30/03/2011 | 38 | 450.00 | 450.00 |
| 262 | **Mr.Ronald Bezzina** | Street Sweeping and Grass cutting in urban roads March 2011 | 30/03/2011 | 39 | 3577.53 | 3577.53 |
| 263 | **Bitmac (Works) Ltd** | Instant Road repair | 12/04/2011 | 84814 | 611.41 | 611.41 |
| 264• | **Karmig Trading** | Works in Triq il-Maqsab, Bajja San Tumas, Triq iz-Zonqor, Triq is-Salini, Triq il-Blajjiet, Triq Sant'Anna, Triq San Guzepp, Triq il-Batterija taz-Zonqor, Triq Santa Marija, Triq il-Friefet, Triq San Gwakkin | 13/04/2011 | 880, 881, 878, 879, 866, 868, 870, 871, last p/o867, last p/o 869, last p/o 874, | 6716.64 | 6052.67 |
| * Pagament Nru 217, 233, 256, 257, - Attivitajiet tal-Karnival | | | | | | |
| * Pagament Nru 255 - Attivitajiet tal-Gimgha l-Kbira | | | | | | |
| **Pagamenti Nru 259 - Festa Gemellaggi | | | | | | |

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament numru 255 għaliex krejna van biex ġarrejna l-affarijiet tal-Ġimgħa il-kbira.

  Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne wieġbet li dan krejnih għax ċertu affarijiet ma joqgħodux fil-van tal-Kunsill.

- Il-Kunsill approva unanimament il-lista ta' ħlasijiet bi kreditu.

4.2 **<u>Ħlasijiet b'urġenza :</u>**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, biex jiġu approvati mill-Kunsill.

| Lista ta' Hlasijiet b'Urgenza 14/4/11/ #20(1) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| •Contracts Manager reports available | | | | | |
| **P.J.V** | **Supplier** | **Contracts** | **Invoice Date** | **Inv No** | **Amount to be paid** |
| U88 | **Mquip Co Ltd** | Manufacture steel base madeof 8mm tear plates with 4 holes 16mm diam with 10 studa and cup nuts. 1 fisher EM390s and 16 fisher H16x100m extra labour 2 men @ €15.00/hr plus Vat | 16/03/2011 | 23046 (24) | 600.00 |
| U89 | **Wasteserv Malta Ltd** | Difference for invoice #52472 paid by cheque no 6098 | 17/03/2011 | 52472 | 43.78 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| U90 | **ITS Ltd** | Partner telephone support and fixed assets renewal period from June/May | 18/03/2011 | SIN110278 | 150.00 |
| U91 | **ITS Ltd** | Partner telephone support and fixed assets renewal period from June/May continuation of payment refer to cheque no 7504 | 24/03/2011 | SIN110278 | 27.00 |
| U92 | **Hamilton Travel** | Airline tickets for Mario calleja trip to Varna for ECAD Conference | 23/03/2011 | | 277.00 |
| U93 | **Mr. Alfred Debono** | Refund of expenses for Carnival 2011 | 23/03/2011 | | 40.00 |
| U94 | **Maltapost p.l.c** | 500 stamps | 23/03/2011 | | 95.00 |
| U95 | **C.I.R** | FS5 March 2011 | 23/03/2011 | | 2728.17 |
| U96 | **Sindku** | Honoraria - March 11 | 23/03/2011 | | 795.50 |
| U97 | **Impjegat B** | Salary & Performance Bonus - March 11 | 23/03/2011 | | 3843.06 |
| U98 | **Impjegat C** | Salary - March 11 | 23/03/2011 | | 1155.49 |
| U99 | **Impjegat D** | Salary - March 11 | 23/03/2011 | | 1051.24 |
| U100 | **Impjegat E** | Salary - March 11 | 23/03/2011 | | 531.81 |
| U101 | **Impjegat F** | Salary - March 11 | 23/03/2011 | | 1264.22 |
| U102 | **Impjegat H** | Salary - March 11 | 23/03/2011 | | 1032.73 |
| U103 | **Impjegat I** | Salary - March 11 | 23/03/2011 | | 1068.95 |
| U104 | **Mr. Mario Calleja** | ECAD Conference Varna Bulgaria | 25/03/2011 | | 774.00 |
| U105 | **Mr. Neville Schembri** | Judo for Fun Courses | 28/03/2011 | | 150.00 |
| U106 | **Selves** | Petty Cash transactions for the month of March 2011 | 05/04/2011 | | 133.20 |
| U107 | **Lourdes Service Station** | Diesel for van and generator | 01/04/2011 | | 80.00 |
| U108 | **MEPA** | Application for compliance certificate for library | 01/04/2011 | | 60.00 |
| U109 | **MEPA** | Restoration of stone Niche and pedestal of Saint Anne | 04/04/2011 | | 175.00 |
| U110 | **Ms. Claire Attard** | Reimbursement of expenses for acrylic colours for library | 06/04/2011 | | 24.91 |
| U111 | **BOV PLC** | ECAD Membership Fee 2011 | 06/04/2011 | | 200.00 |
| U112 | **Mr. Simon Degorgio** | Earth Electrode | 06/04/2011 | | 75.00 |
| U113 | **BOV PLC** | Bank Charges ECAD Membership Fee 2011 | 06/04/2011 | | 30.00 |
| U114 | **DOI** | Adver for teder KLM 2011/05 Air Quality Specialist | 06/04/2011 | | 9.32 |
| U115 | **Industrial Projects & Services Ltd** | Over time of IPSL Workers March 2011 | 08/04/2011 | | 203.22 |
| U116 | **San Tomaso Restaurant** | Lunch for Sherbourne delegation on arrival from airport | 11/04/2011 | | 92.50 |

- Il-Kunsill approva unanimament il-lista ta' ħlasijiet b'urġenza.

## 5.0 *Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u Kwotazzjonijiet:*

### 5.1 MLC 02/2011 – Quotation for Manufacture and Installation of aluminium composite sheets and vinyl stickers in conjunction with the costruction of a monument at Triq is-Salini:

Is-Segretarju Eżekuttiv qara email mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill fejn fl-opinjoni tiegħu qal li l-*AF Signs* huma aħjar. Huwa kompla jgħid illi l-*coat of arms* li bagħatulna minn barra m'humiex kolla *high resolution.*

Dawn huma l-ħames kwotazzjonijiet li nġabru:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Advertising Signs | : €616.00 Vat Inkluz |
| 2. | Dino Signs | : €958.16 Vat Inkluz |
| 3. | Sign It | : €589.96 Vat Inkluz |
| 4. | AF Signs | : €925.12 Vat Inkluz |
| 5. | ACMA Inox & Metal Ltd | : €515.64 Vat Inkluz |

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li skond is-sample ta' l-AF Signs ma fijhomx protezzjoni u ser ikollna problema ta' *corrosion* iktar il-quddiem.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ewwel preferenza tmur għall-ACMA Inox & Metal Ltd u t-tieni preferenza tmur għal-AF signs, iżda l-ewwel il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri għandu jikkomunika mal-Perit.

Is-Sindku ssuġerixxa illi s-sitt palmiet li hemm fuq il-*bridge* jiġu mdawra bil-konok sabiex jiġu pariġġ mal-monument tad-Douzelage.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

### 5.2 KLM 2011/01 - Street Sweeping and Grass Cutting:

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi spjega l-minuti tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni u qal li aħna konna tlabna lill-Kunsilli Lokali jgħidulna jekk kienux ħarġu xi *default notices* f'dawn l-aħħar tlett snin. Huwa kompla jgħid illi l-ebda Kunsill Lokali ma kien ħareġ *default notice* iżda wara li spiċċa l-bord ta' l-evalwazzjoni l-Kunsill ta' Balzan bagħat *email* fejn qalilna li s-Sur Saviour Mifsud kienu nħarġulu 7 *default notices* dawn l-aħħar tlett snin.

Dawn huma l-erba` *tenderes* li ittenderjaw.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ronald & Chris Bezzina Cleaning Solutions | : €46,600 Vat Inkluz |
| 2. | Saviour Mifsud | : €41,300 Vat Inkluz |
| 3. | R. Caruana obo Hermes Ent | : €48,000 Vat Inkluz |
| 4. | Alexander Fenech Euro Clean Waste Services | : €42,948 Vat Inkluz |

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett spejga il-costings kif hemm imniżżel fil-costings tal-Minuti tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ħareġ mill-laqgħa fit-8.00p.m.***

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal li aħna fit-*tender* tlabnijhom illi l-impjegati kollha jridu jiġu jiffirmaw kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna għalhekk tlabnijhom l-ETC list.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li s-Sur Alexander Fenech għandu referenzi tajbin.

Il-Kunsill qabel unanimament li nagħżlu lis-Sur Ronald & Chris Bezzina Cleaning Solutions għal-dan it-*tender* skond ir-rokkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni kif imniżżel hawn taħt:

*Wara li l-bord ta' aġġudikazzjoni evalwa bir-reqqa l-erba` offerti mitfugħa, deher biċ-ċar illi l-ebda waħda mill-4 offerti ma kienet se taqbeż bħala ċifra globali lil dik tal-kuntratt preċedenti. Irriżulta wkoll illi fl-offerti kollha hemm inkluż €188.80 kull weekend fis-Sajf li qabel dan kienu jkunu meqjusa bħala extra work tal-knis.*

*Meta l-Bord kompla jevalwa iżjed bir-reqqa irriżulta li ma kienx hemm diskrepanza kbira bejn l-offerenti, għaldaqstant peress illi l-bord kompla jiddiskuti u ħareġ 'l fatt li l-kuntrattur preżenti Ronald & Chris Bezzina dejjem għamlu xogħol siewi u bl-aktar mod responsabbli fil-lokal tagħna, allura d-deċiżjoni tal-bord ittieħdet biex jirrakomanda lill-Kunsill illi l-offerta terġa tingħata mill-ġdid lill- Ronald & Chris Bezzina Cleaning Solutions.*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsilliera li ser issir ħarġa għal-Għawdex għall-*Mother's Day* bħas snin ta' qabel. Iktar informazzoni tingħata aktar il-quddiem.

❖ ***Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ħareġ mill-laqgħa fit-8.10p.m.***

5.3 **<u>KLM 2011/02 – Grass Cutting in Non Urban Roads:</u>**

Dawn huma l-erba` *tenderers* li xeħtu l-offerta tagħhom.

| | Kuntrattur | Per Linear Metre | Herbicide per linear mt |
|---|---|---|---|
| 1 | Ronald & Chris Bezzina Cleaning Solutions | 0,50c | 0,30c |
| 2 | Alexander Fenech Euroclean Waste Services | 0,17c | 0,20c |
| 3 | Saviour Mifsud | 0,16c | 0,10c |
| 4 | Calamatta Landscapes Ltd. | 0,39c | 0,30c |

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar spjega illi t-*tenderers* numri 2, 3 u 4 ma tefgħux l-ETC list.

Il-Kunsill qabel unanimament li nagħżlu lis-Sur Ronald & Chris Bezzina Cleaning Solutions għal dan it-*tender* għaliex kien l-uniku wieħed li kellhu r-rekwisit kollha neċċessarji kif kien mitlub fit-*tender* u għaldaqstant l-oħra ġew skwalifikati.

- Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera illi kien ġie s-Sur John Borg li kien ittenderja għat-*tender* tal-ġbir ta' skart u qallu li l-ittra ta' notifikazzjoni li ma kienx ġie magħżul ma rċevijiex. Is-Segretarju infurmaħ illi l-ittri konna bagħatnijhom kollha. Apparti minn hekk kienu twaħħlu l-avviżi kollha neċessarji fuq in-*noticeboards* u l-bord ta' aġġudikazzjoni ukoll kien ċempillu u tah spjegazzjoni fuq in-nuqqas tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi fit-*tenders* il-ġodda li ser noħorġu ser iniżżlu fejn għandhom jiktbu n-numru tal-fax jew email kif ukoll l-email tagħna fejn huma jirrisponduna lura sabiex kull minn jittenderja għandu jniżżel il-fax jew e mail fejn nibgħatulhom l-ittri neċessarji.

6.0 ***Progress Reports:***

6.1 **Expression of Interest for the Design of Ġnien Sant'Anna:**

Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera illi issa għandna d-devoluzzjoni tal-ġnien kollu minbarra l-Boċċi Klabb u t-Tiffany's u li bi qbil mal-Klabb tal-Boċċi nistgħu nmexxu ukoll l-pożizzjoni tal-Klabb u l-pitch tal-boċċi. Huwa kompla jgħid li l-*open public space* ma jistgħax jinbena, li nistgħu nissuġerixxu huwa li jsir xi parkeġġ, *storm water relief* u jkun aċċessibli għal persuni b'diżabilita`.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li parti mill-arja tal-pubbliku ser tonqos minħabba li ser jinbena l-Uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li ma taqbilx illi jsir parkeġġ. Hija qalet ukoll li l-funtana li hemm f'dan il-ġnien għanda bżonn titnaddaf regolarment u jkun hemm xi persuni responsabbli mil-indafa.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li huwa jaqbel jekk b'xi mod jsir xi parkeġġ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ma jaqbilx li jekk isir l-iżvilupp jinqalgħu s-siġar minn posthom għaliex jinqerdu u anke hemm xi siġar li huma protetti. Huwa spjega li dan huwa pulmun għal-popolazzjoni ta' Marsaskala.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne kompliet iżżid tgħid li anke hi taqbel illi peress li huwa l-uniku ġnien li għandu jibqa hemm.

Il-Kunsill qabel unanimament illi tinħareġ *expression of interest* biex jiġu sottomessi pjanti bil-proposti liema pjanti imbagħad ikunu esposti għall-pubbliku sabiex kulħadd jkun jistgħa jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu.

Is-Sindku qal ukoll li wara li ssir din il-konsultazzjoni, wara l-pjanti għandhom jitpoġġew il-Kunsill għal ħmistax il-ġurnata biex minn ma setax jattendi għall-laqgħa ikollu d-dritt li wkoll jagħmel is-suġġerimenti w ilmenti tiegħu.

6.2 **Leisure Park Ġnien San Tumas – Gal Xlokk:**

Fuq dan l-argument diġa tkellmu f'punt 3.2.

6.3 **Sejħa għall-offerti tal-Bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici:**

Fuq dan l-argument diġa tkellmu f'punt 3.1

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk hux ser jinħareġ *tender* wieħed jew kollox separat.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ser jinħareġ *tender* wieħed li jinkorpora kollox fih.

Is-Sindku spjega illi għal kull spazju li hemm ta' l-*equipment* u jkun hemm xi ħadd li jkun irid joffri iktar minn *equipment* wieħed jrid jixtri *tender* għal kull *equipment* li jkun ser joffri.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - is-Sur Daniel Spiteri (#252-11/03/11):**

*"Jipproponi sabiex il-blat li hemm fi Triq ta' Monita mall-ħajt tal-grawnd tal-iskola jitneħħa".*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien diġa kiteb lit-TM sabiex jaqtgħu dan il-blat għaliex dan m'huwiex reponsabilita` tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri kompla ma dak li qal is-Segretarju Eżekuttiv u żied jgħid illi fil-passat konna ktibna lit-TM sabiex jitneħħa dan il-blat u jrir taraġ peress li t-telgħa hija wieqfa ħafna u ukoll issir rampa għal-persuni b'diżabilita` jew persuni b'*puschair.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lit-TM sabiex jinqagħta dan il-blat u jsir taraġ fuq naħa waħda tat-triq minħabba li t-triq hija wieqfa ħafna.

8.2 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- s-Sur Mario Calleja (#253-11/04/11):**

*"Jipproponi sabiex jinbena taraġ li jagħti minn fuq il-bridge faċċata ta' quddiem r-ristorant ta' Grabiel tat-triq principali. L-iskop huwa li min ikun qed jimxi minn Triq ix-Xatt u jrd imur għall-Triq il-Qaliet, jew irid jinżel fit-triq qabel bil-periklu li jintlaqgħat minn xi vettura inkell jkollu jmur id-dawra kollha għall-qudiiem ristorant tal-Fanal".*

Il-Kunsill qabel unanimament iżda l-ewwel trid issir l-applikazzjoni neċessarja permezz tal-Perit tal-Kunsill.

9.0 ***Konsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali:***

Il-Kunsill qabel unanimament mal-Minuti tal-Laqgħa Annnwali

10.0 ***Approvazzjoni tal-Financial Statements kif emendat għas-sena finanzjarja 2010:***

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma l-Kunsilliera li l-*financial statments* kif emendati kienu għadhom mhumiex lesti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir laqgħa b'urġenza nhar it-Tlieta fil-5.00p.m sabiex jiddiskuti l-*financial statments* biss.

- Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne nfurmat il-Kunsilliera bl-attivitajiet li ser isiru. Nhar is-Sibt ser issir il-pageant, is-Sibt 7 ta' Mejju filgħaxija ser issir Arti fil-Beraħ, u fil-11 ta' Mejju bejn id-9.30a.m u 12.00p.m ser issir attivita` ta' l-arti fejn ser jiġu 200 student minn 10 skejjel differenti u ħa jkun hemm xi artisti barranin fejn ser jpenġu mat-tfal.

11.0 **Aġġornament :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku